# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 12 ta' Dicembru 2001**

**Avviz. numru 1005/00**

**Numru 32**

**J.M. Supplies Company Limited**

**vs**

**Simon Barthet Baldacchino**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u tmenin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm480.70) import ta' prezz ta' karta mibjugha lill-konvenuti mis-socjeta' attrici kif ukoll l-imghaxijiet mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-13 ta' Lulju 2000, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment (ara fol 21 tal-atti), il-konvenut naqas u ma deherx fit-30 ta' Novembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm480.70,0 bl-imghaxijiet legali mis-7 ta' Awissu 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-13 ta' Lulju 2000.

Alan Calleja
Deputat Registratur